

KONTROLLUR EWROPEW
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

RAPPORT ANNWALI 2014

SOMMARJU EŻEKUTTIV



EDPS

RAPPORT ANNWALI 2014

SOMMARJU EŻEKUTTIV

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.**

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati
ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini
tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir
aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

PDF ISBN 978-92-9242-077-2 ISSN 1831-0567 doi:10.2804/67133 QT-AB-15-001-MT-N

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.


INTRODUZZJONI

F'dawn l-aħħar snin, il-protezzjoni tad-data kisbet rwol ċentrali fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u l-ippjanar tan-negozju.

Għall-UE, l-2014 tista' tibqa' mfaktra fis-snin li ġejjin bħala sena ta' bidla fundamentali, il-mument li fih id-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali kif stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għamlu qabża deċiżiva mit-teorija legali għar-realtà. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, fis-sentenzi ewlenin tagħha dwar id-*Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data* u *Google Spain*, artikolat ir-responsabbiltà tal-leġiżlaturi u l-kontrolluri sabiex jiżguraw li l-informazzjoni personali tiġi pproċessata b'mod ġust u proporzjonali għall-għan leġittimu li jkun qed jiġi segwit. Id-deliberazzjonijiet dwar ir-riforma tal-ġabra tar-regoli tal-UE, li issa jinsabu fir-raba' sena tagħhom, qarrbu aktar lejn soluzzjoni, fejn il-Parlament Ewropew ikkonċeda approvazzjoni qawwija ħafna lil test rivedut tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali, u l-Kunsill qed jipprova jsolvi l-kwistjonijiet kruċjali ta' infurzar u konsistenza. Sadanittant, żdied it-tħassib dwar is-sorveljanza tal-massa, u żdiedet ir-realizzazzjoni tal-ħtieġa li jiġu riveduti u ċċarati l-parametri għall-flussi tad-data bejn l-UE u l-imsieħba globali tagħha.

L-2014 kienet sena ta' tranżizzjoni għall-UE b'mod ġenerali, kif ukoll għall-istituzzjoni tagħna stess. Dan ir-Rapport Annwali jirrevedi l-attivitajiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-iffukar tagħna dwar iż-żieda tal-kapaċità tal-korpi tal-UE għal ipproċessar responsabbli tad-data u għal integrazzjoni aktar proattiva tar-regoli u l-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data fit-tfassil tal-politika. Minbarra verifiki preċedenti tal-operazzjonijiet u spezzjonijiet tal-ipproċessar, u għadd kbir ta' opinjonijiet u kummenti dwar inizjattivi ta' politika, inklużi kummenti dwar ir-riformi li għaddejjin dwar il-protezzjoni tad-data, ippublikajna bosta dokumenti ta' gwida ewlenin li jindirizzaw, pereżempju, id-drittijiet tas-soġġetti tad-data, it-trasferimenti tad-data u l-protezzjoni tad-data fir-regolament dwar is-servizzi soċjali.

Dan l-istabbiliment ta' protezzjoni tad-data fit-tfassil ewlieni ta' politika tal-UE jikkostitwixxi mertu għall-awtorità kalma u l-isforzi kontinwi ta' Peter Hustinx, li l-kariga tiegħu ta' 10 snin bħala Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ntemmet fl-2014, u għat-talenti u l-isforz tal-persuni li jaħdmu għal din l-istituzzjoni. Waqt li nkomplu nibnu fuq il-wirt li ħalla Peter, il-prijoritajiet tagħna għall-ħames snin li ġejjin, kif stabbilit fl-Istrateġija tagħna ppubblikata f'Marzu 2015, huma li naħdmu aktar mill-qrib u aktar minn qatt qabel mal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data kif ukoll mal-Parlament u l-Istati Membri, sabiex b'hekk l-UE jkollha vuċi waħda li tkun kredibbli u konsistenti, biex tippromwovi d-drittijiet u l-interessi tal-individwu fis-soċjetà dejjem aktar globalizzata u diġitalizzata tagħna.



Giovanni Buttarelli
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data



Wojciech Wiewiórowski
L-Assistent Kontrollur

IL-KISBIET EWLENIN FL-2014

L-2014 kienet sena ta' tranżizzjoni għall-KEPD, li ġiet influwenzata mill-għażla u l-ħatra li ddewmu tal-Kontrollur u l-Assistent il-ġodda tal-KEPD. In-nominazzjonijiet li ġew aċċettati fil-bidu tas-sena saru biss fl-aħħar. Waqt li l-inċertezza li orġinat kellha impatt fuq l-ippjanar tal-attivitajiet tal-KEPD b'mod ġenerali, aħna komplejna nweqq dmirijietna f'konformità mal-obbligi tagħna skont [ir-Regolament \(KE\) 45/2001](#).

Sorveljanza u Infurzar

Bħal fis-snin ta' qabel, parti importanti mix-xogħol kienet magħmula minn attivitajiet ewlenin ta' kontroll u infurzar fuq l-iproċessar ta' data personali minn aktar minn 60 istituzzjoni u aġenzija Ewropej. Verifiki minn qabel, konsultazzjonijiet, ilmenti, spezzjonijiet u żjarat kienu jikkostitwixxu l-parti ċentrali ta' xogħolna f'din l-isfera. Minkejja l-għadd relattivament għoli ta' każijiet, aħna rnexxielna ntejbju l-effiċjenza tal-fluss ta' xogħolna.

Barrad dan, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data maħtura f'kull istituzzjoni u korp tal-UE, komplejna ninvestu fis-sensibilizzazzjoni u l-gwida tul is-sena kollha biex ngħinu nipromwovu kultura tal-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet tal-UE. Ta' min jinnota dan li ġej:

- Il- [Linji Gwida](#) dwar id-Drittijiet tal-Individwi (Drittijiet tas-Suġġetti tad-Data) adottati fi Frar,
- id- [Dokument ta' Pożizzjoni](#) dwar it-Trasferiment tad-Data adottat f'Lulju u
- il- [Linji Gwida](#) dwar il-Kunflitti ta' Interess adottati f'Diċembru;
- bosta laqgħat ma' kontrolluri biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-data tal-amministrazzjoni tal-UE;
- tliet konferenzi fl-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA) u l-workshop tagħna għall-Koordinaturi tal-Protezzjoni tad-Data;
- żewġ laqgħat mal-UPD f'Ġunju u Novembru.

Parir aktar proattiv dwar il-politika

Fl-2014 irrivedejna kif nilħqu l-obbligi legali tagħna biex nagħtu parir lill-istituzzjonijiet. Fid- [dokument ta' politika](#), "II-KEPD bħala konsulent għall-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-politika u l-leġiżlazzjoni: nibnu fuq għaxar snin ta' esperjenza", tenejna l-prinċipji tagħna ta' imparzjalità, integrità, trasparenza u pragmatiżmu u l-impenn wiesa', inklużiv u proattiv tagħna mal-partijiet interessati. L-għan tagħna huwa li niżviluppaw kultura ta' responsabbiltà fl-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE permezz ta' taħriġ u gwida ġenerali u speċifika għas-settur sabiex nippermettu li l-istituzzjonijiet jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar l-impatti tal-protezzjoni tad-data fuq proposti ġodda. Diġà bdejna nimmiraw impenn ma' interlokutori inqas familjari, inkluż id-direttorat ġenerali tas-suq intern u s-servizzi tal-Kummissjoni (DG MARKT) u l-presidenza tal-Kunsill li qed isiru dejjem aktar konxji tar-rilevanza tal-protezzjoni tad-data. Barra dan, stabbilixxejna rabta regolari u kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u korpi internazzjonali inkluż il-Kunsill tal-Ewropa.

Aħna nedejna analiżi tal-interazzjoni bejn il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, il-kompetizzjoni u tal-konsumatur billi ppubblikajna Opinjoni preliminari dwar [Il-privatezza u l-kompetittività fiż-żmien ta' ħafna data](#) f'Marzu 2014. Tnediet diskussjoni dwar is-suġġett f'workshop f'Ġunju 2014, bil-parteċipazzjoni ta' esperti fit-tliet oqsma kollha tal-liġi mill-UE u l-Istati Uniti.

Abbażi ta' djalogu kostruttiv u mmirat mal-istituzzjonijiet, aħna impenjajna ruħna b'mod speċifiku li niżviluppaw "ġabra ta' għodod ta' politika" - inklużi linji gwida tematiċi jew settorjali - bħala gwida għal dawk li jfasslu l-politika u l-liġi dwar ir-rilevanza tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data f'setturi speċifiċi.

F'Novembru 2014, ipproponejna l-ewwel waħda minn dawn l-għodod li tiffoka fuq ir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji, qasam ta' riforma leġiżlattiva intensa f'dawn l-aħħar snin. Il-linji gwida tas-settur tagħna mibnija fuq għarfien miksub waqt seminar ospitat minn DG MARKT fi Frar 2014.

Lejn qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-data: Nistgħu naraw tmiem?

Ir-riforma tal-qafas tal-protezzjoni tad-data kkostitwixxiet waħda mill-ikbar sfidi, u waħda mill-aktar kumplessi, għal-leġiżlaturi tal-UE f'dawn l-aħħar snin. Jeżisti interess kbir fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali fl-evoluzzjoni taż-żewġ abbozzi ta' proposta - għal Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u Direttiva dwar id-data personali pproċessata għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali. Il-KEPD komplja jaħdem mill-qrib mal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni waqt in-negożjati kritiċi li saru fl-2014.

Kooperazzjoni

Fl-2014, bħal fl-2013, ipprovdejna s-segretarjat għall-Grupp għall-Koordinazzjoni tas-Sorveljanza tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) u komplejna nippresiedu l-gruppi għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza għall-EURODAC, għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u għas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (SID).

Aħna komplejna wkoll nikkontribwixxu b'mod attiv għax-xogħol tal-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-Data (Artikolu 29 Grupp ta' Ħidma), billi għamilniha ta' relaturi għas-segwitu tal-Opinjoni dwar Interessi Leġittimi (il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati u analiżi tal-kontributi tagħhom), u ta' korelaturi għad-Dokument ta' Opinjoni u ta' Ħidma dwar il-Kontroll tal-Komunikazzjoni Elettronika għal Finijiet ta' Intelligence u Sigurtà Nazzjonali, kif ukoll għad-dokument dwar l-Arranġament Internazzjonali tal-Koordinazzjoni tal-Infurzar.

Żvilupp teknoloġiku u protezzjoni tad-data

L-impatt tal-firxa usa' ta' apparati mobbli konnessi u għadd kbir ta' inċidenti ta' sigurtà kienu fost it-temi tal-2014 u aħna rrapportajna dwar dawn u żviluppi teknoloġiċi oħrajn fil-bullettini tal-KEPD.

Indirizzajna wkoll elementi teknoloġiċi fl-opinjoni, kummenti u deċiżjonijiet dwar il-politika fl-isfera tal-kontroll, kif ukoll fil-linji gwida, pereżempju l-linji gwida dwar il-komunikazzjoni elettronika, li ġew distribwiti għall-konsultazzjoni fl-2014.

Fl-2014 waqqafna l-Laboratorju ta' Politika tal-IT tal-KEPD b'apparat u għodod li jistgħu jintużaw biex jiġu vvalutati l-karatteristiċi ta' privatezza ta' ċerti prodotti jew sistemi użati fil-qasam tax-xogħol ta' kontroll tagħna.

Il-laboratorju tal-IT issa huwa operattiv u se jiġi kkumplementat b'kitt mobbli tal-IT, sabiex isiru dimostrazzjonijiet fuq il-post, jitwettqu esperimenti u/jew testijiet tekniċi fuq il-post fil-kuntest ta' spezzjonijiet u verifiki.

Aħna ffukajna wkoll fuq il-protezzjoni tad-data u l-privatezza minn perspettiva ta' inġinerija. Fl-2014, nedejna n-Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet (IPEN) f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, l-iżviluppaturi u r-riċerkaturi mill-industrija, l-ambjent akkademiku u s-soċjetà ċivili. L-inizjattiva għandha l-għan li tiżviluppa prattiki ta' inġinerija li jinkorporaw tħassib dwar il-privatezza u jħeġġu lill-inginjera jibnu mekkaniżmi ta' privatezza fi standards, servizzi u apps tal-internet.

L-ewwel workshop tal-IPEN sar fis-26 ta' Settembru 2014 f'Berlin u ġie organizzat flimkien ma' bosta DPAs u organizzazzjonijiet oħrajn. Il-workshop ġie ddisinjat bħala approċċ prattiku biex jiġu identifikati lakuni fil-privatezza fit-teknoloġija eżistenti u jiġu żviluppati soluzzjonijiet utli. Fl-2015 in-netwerk se jespandi u jkompli jaħdem fuq linji ta' azzjoni stabbiliti fl-2014.

Każijiet tal-Qorti

Fir-rigward ta' attivitajiet tal-Qorti ngħatajna permess biex nintervjenu permezz tal-Qorti tal-Ġustizzja u ppreżentajna stqarrija bil-miktub fil-Każ ta' appell C-615/13 P, imressaq minn ClientEarth u PAN Europe), każ li jirrigwarda t-trasparenza ta' l-aċċess għad-dokumenti.

Informazzjoni u Komunikazzjoni

L-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni għandhom rwol sinifikanti fis-sensibilizzazzjoni dwar il-KEPD, il-mandat, il-politiki u d-deċiżjonijiet.

Fl-2014 ippromwovejna x-xogħol tal-KEPD f'għadd ta' avvenimenti, bħall-Jum dwar il-Protezzjoni tad-Data f'Jannar, il-Jum għall-Pubbliku tal-UE f'Mejju u erba' konferenzi f'ħin il-pranzu fl-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EUSA).

Fl-ambitu tal-kompetenzi tagħna, wegħibna għal 132 talba bil-miktub għal informazzjoni minn ċittadini, 38 talba bil-miktub għal informazzjoni u 42 talba għal intervisti mill-istampa.

Sa tmiem l-2014 kellna 2 373 abbonat għall-bullettin tagħna u 2 000 persuna li jsewju Twitter. Kellna 194 637 żjara fil-websajt tal-KEPD u ospitajna seba' żjarat ta' studju fil-post tagħna. Dawn il-kisbiet jappoġġjaw il-viżjoni li qed insiru dejjem aktar punt ta' referenza għal kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data fil-livell tal-UE.

Ġestjoni tar-riżorsi

Il-baġit allokat għall-KEPD fl-2014 kien ta' EUR 8 018 796, li jikkostitwixxi żieda ta' 4.66 % fuq il-baġit tal-2013.

Fl-2014 bqajna impenjati bis-sħiħ għall-politika ta' awsterità u ta' konsolidazzjoni tal-baġit tal-UE, u segwejna b'mod strett l-orjentazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni. Madankollu, il-proposta tal-baġit tagħna kellha tinkludi l-appropriazzjonijiet meħtieġa biex tikkonforma mal-obbligi statutorji marbuta mat-tmiem tal-mandat tal-membri tal-KEPD.

Aħna implimentajna l-politika ta' awsterità rakkomandata mill-Kummissjoni bit-tnaqqis jew l-iffriżar tal-parti l-kbira tal-krediti tagħna għal 0 % għat-tielet sena u wettaqna tnaqqis sostanzjali fil-linji baġitarji ewlenin bħal traduzzjonijiet (-17 %), pubblikazzjonijiet (-25 %) u attivitajiet tal-istituzzjonijiet (-17 %).

Id-dewmien fil-proċedura tal-għażla għal grupp ġdid ta' Kontrolluri wassal għall-introduzzjoni ta' baġit ta' emenda biex jiġu rritornati l-krediti mhux użati marbutin mal-estensjoni temporanja tal-mandat għall-baġit ġenerali tal-UE f'Ġunju 2014.

Fl-2014, ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħna eċċediet il-mira tal-85 %.

Is-sena 2014 kienet sena partikolarment ta' suċċess fil-qasam tar-riżorsi umani. Min-naħa waħda, id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti dwar il-Persunal ġodda f'Jannar 2014 kien jeħtieġ li jiġu aġġornati bosta miżuri implimentattivi. Il-pakkett sħiħ tar-regoli implimentattivi ġie adottat qabel tmiem is-sena.

Min-naħa waħda, ġew adottati wkoll għadd ta' dokumenti ta' politika importanti, b'mod speċjali l-politika ġdida ta' Tagħlim u Żvilupp u l-implimentazzjoni tagħha, żewġ proġetti pilota u d-dokumenti dwar id-DNA, l-Istress u l-Komunikazzjoni Interna. Finalment ġie adottat Kodiċi ta' Kondotta ġdid għall-KEPD li ġie ppreżentat lill-Persunal.

Ċifri ewlenin tal-KEPD fl-2014

- ġew adottati 144 Opinjoni ta' verifika minn qabel u 26 Opinjoni mingħajr verifika minn qabel
- waslu 110 ilmenti, li 39 minnhom kienu ammissibbli
- saru 48 konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi
- saru 4 spezzjonijiet fuq il-post u 4 żjarat
- ġew ippublikati 2 settijiet ta' Linji Gwida u Dokument ta' Pożizzjoni wieħed
- inħarġu 14-il Opinjoni leġiżlattiva u Opinjoni Preliminari waħda
- inħarġu 13-il sett ta' kummenti formali
- inħarġu 33 sett ta' kummenti informali

Strateġija 2013-2014

Fl-Istrateġija 2013-2014 tagħna, identifikajna għadd ta' għanijiet strateġiċi biex jgħinu jżidu l-impatt tal-attivitajiet ewlenin tagħna fuq il-protezzjoni tad-data fil-livell Ewropew. Biex nivvalutaw il-progress tagħna lejn dawn l-għanijiet, identifikajna l-attivitajiet li għandhom rwol ewlieni fl-ilfuq tal-għanijiet tagħna. L-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin (KPI) relatati mniżżla fit-tabella se jgħinuna biex nimmonitorjaw u naġġustaw, jekk meħtieġ, l-impatt tax-xogħol tagħna u l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi tagħna.

F'dan il-kapitolu, nirrappurtaw dwar il-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħna fl-2014 skont l-għanijiet strateġiċi u l-pjan ta' azzjoni ddefiniti fl-Istrateġija 2013-2014. L-attivitajiet li jimplementaw il-pjan ta' azzjoni huma mniżżla fil-qosor fid-Deskrizzjoni Ġenerali tal-2014 ta' hawn fuq.

B'mod ġenerali, ir-riżultati juru xejra pożittiva fil-prestazzjoni tal-attivitajiet tagħna. L-implimentazzjoni tal-istrateġija qiegħda fit-triq it-tajba b'mod wiesa' u ma hija meħtieġa l-ebda miżura korrettiva f'dan l-istadju.

Barra dan, l-adozzjoni tal-Istrateġija 2015-2019 f'Marzu 2015 se teħtieġ evalwazzjoni tal-KPI biex jiġu kkunsidrati l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Istrateġija l-ġdida. Bħala riżultat ta' dan, biex jiġu żgurati l-konsistenza u r-rilevanza tagħhom, jista' jiġi introdott indikatur tal-prestazzjoni ewlieni wieħed jew aktar minn wieħed, li jiġu sottomessi għal konsultazzjoni interna bir-reqqa qabel ma jiġu ppubblikati.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI tinkludi deskrizzjoni qasira tal-KPI u l-metodi tal-kalkolu.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-indikaturi jitkejlju fl-isfond tal-miri inizjali. Għal tliet indikaturi, ir-riżultati tal-2013 se jstabblixxu l-punti ta' riferiment għall-2014.

Il-KPI jimplementaw l-għanijiet strateġiċi kif ġej:

1. Jippromwov *kultura ta' protezzjoni tad-data* fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li permezz tagħha jkunu konxji tal-obbligi tagħhom u jkunu responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.
Il-KPI numri 1, 2 u 3. Intlaħqu l-miri kollha.
2. Jiżguraw li l-leġiżlatur tal-UE (il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill) ikun konxju tar-rekwiżiti

tal-protezzjoni tad-data u l-protezzjoni tad-data tkun integrata fil-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Il-KPI numri 4 u 5. Intlaħqet il-mira għall-KPI numru 5. Ir-riżultati għall-KPI numru 4 huma konformi mar-riżultati tal-2013 fir-rigward tal-kummenti formali u informali, waqt li n-numru ta' opinjonijiet naqas fl-2014.

Min-naħa waħda, dan kien ir-riżultat ta' livell oġġettiv ta' selettività u min-naħa l-oħra minħabba l-fatt li bosta inizjattivi tal-Kummissjoni li aħna identifikkawna tħassru jew iddewmu mill-Kummissjoni (pereżempju, in-negozjati tat-TAXUD mad-WTO u r-Russja).

3. Itejbu l-kooperazzjoni tajba mal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data (DPAs), b'mod partikolari d-WP29, biex jiżguraw konsistenza akbar tal-protezzjoni tad-data fl-UE.

Ir-riżultati tal-2013 se jiddeterminaw il-mira għall-KPI numru 6. Ir-riżultati fl-2014 kienu suċċess kbir, billi qabżu b'mod sostanzjali l-mira.

Il-KPI numru 7 jirreferi għall-għanijiet strateġiċi 1, 2 u 3. Il-mira nqabżet b'mod sostanzjali.

4. Jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni effettiva.

Ir-riżultati tal-2013 se jiddeterminaw il-mira għall-KPI numru 8. F'dan ir-rigward l-għadd ta' żjarat fuq il-websajt tal-KEPD naqas waqt l-2014. Ir-raġuni ewlenija kienet id-dewmien fil-ħatra tal-Kontrolluri l-ġodda. Waqt din l-estensjoni ta' sena tal-mandat ittiegħu inqas deċiżjonijiet u kien hemm inqas proġetti ġodda. Dan kellu impatt fuq l-interess li wieħed iżur il-websajt tagħna.

5. Itejbu l-użu tar-riżorsi umani, finanzjarji, tekniċi u organizzazzjonali tal-KEPD (permezz ta' proċessi, awtorità u għarfien adegwati).

Il-KPI numri 9 u 10. Intlaħqu ż-żewġ miri.

| KPI | Deskrizzjoni | Riżultati 2013 | Riżultati 2014 | Mira |
|---------------|---|--|--|-----------------------------------|
| KPI 1 | Għadd ta' spezzjonijiet/żjarat imwettqa. Kejl : imqabbel mal-mira | 3 żjarat 8 spezzjonijiet | 4 żjarat 4 spezzjonijiet | Minimu ta' 8 |
| KPI 2 | Għadd ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ fi ħdan l-istituzzjonijiet u L-korpi tal-UE li organizzajna aħna jew li organizzajna flimkien ma' oħrajn (workshops, laqgħat, konferenzi, taħriġ u seminars). Kejl : imqabbel mal-mira | 4 inizjattivi ta' taħriġ 4 workshops (3 f'kooperazzjoni mal-ITP) | 8 (3 EUSA, 1 DKPD, 2 UPD, 1 EIPA, 1 DG COMM) | 8 (workshops + taħriġ) |
| KPI 3 | Livell ta' sodisfazzjon tal-UPD/KPD dwar it-taħriġ u l-gwida. Kejl: l-istħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-UPD/KPD li għandu jitnieda kull darba li jiġi organizzat taħriġ jew kull darba li tinħareġ gwida | Taħriġ bażiku tal-UPD: rispons pożittiv ta' 70 % Taħriġ tal-personal tal-EDA: rispons pożittiv ta' 92 % | 100 % | RISPONS POŻITTIV TA' 60 % |
| KPI 4 | Għadd ta' opinjonijiet formali u informali tal-KEPD ipprovduti lil-leġiżlatur. Kejl : imqabbel mas-sena preċedenti | Opinjonijiet: 20 Kummenti formali: 13 Kummenti informali: 33 | Opinjonijiet: 15 Kummenti formali: 13 Kummenti informali: 33 | L-2013 bħala punt ta' riferiment. |
| KPI 5 | Rata tal-implimentazzjoni tal-każijiet fl-inventarju tal-politika tagħna li identifikajna għal azzjoni. Kejl: perċentwal ta' inizjattivi "Ħomor" (fejn l-iskadenza għal kummenti tkun għaddiet) implimentati kif ippjanat fl-Inventarju tal-2013 | 90 % (18/20) | 89 % | 90 % |
| KPI 6 | Għadd ta' każijiet indirizzati mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 li għalihom il-KEPD ipprova kontribut bil-miktub sostanzjali. Kejl : imqabbel mas-sena preċedenti | 13 | 27 | L-2013 bħala punt ta' riferiment |
| KPI 7 | Għadd ta' każijiet fejn ġiet ipprovduta gwida dwar l-iżviluppi teknoloġiċi. Kejl : imqabbel mal-mira | 21 | 58 | 20 |
| KPI 8 | Għadd ta' żjarat fuq is-sit elettroniku tal-KEPD. Kejl : imqabbel mas-sena preċedenti | 293 029 (+63 % meta mqabbel mal-2012) | 194 637 | L-2013 bħala punt ta' riferiment |
| KPI 9 | Rata tal-implimentazzjoni tal-baġit Kejl: Kejl: ammont ta' ħlasijiet ipproċessati matul is-sena kondiviżi bil-baġit tas-sena. | 84.7 % | 85.8 % | 85 % |
| KPI 10 | Rata tal-implimentazzjoni tat-taħriġ għall-personal tal-KEPD Kejl: għadd ta' jiem ta' taħriġ reali kondiviżi bl-għadd ta' jiem ta' taħriġ stmati | 85 % | 87.4 % | 80 % |

SORVELJANZA U INFURZAR

Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD huwa li jissorvelja, b'mod indipendenti, l-operazzjonijiet tal-ip-proċessar imwettqa mill-istituzzjonijiet jew il-korpi Ewropej. Il-qafas legali huwa r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data (KE) Nru 45/2001, li jistabbilixxi għadd ta' obbligi għal dawk li jipproċessaw id-data, flimkien ma' għadd ta' drittijiet għal dawk li tkun qiegħda tiġi pproċessata d-data personali tagħhom.

Il-kompiti ta' sorveljanza jvarjaw mill-għoti ta' pariri u appoġġ lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data permezz tal-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data riskjużi, għat-tweqqi ta' investigazzjonijiet, inklużi spezzjonijiet fuq il-post u l-indirizzar tal-ilmenti. Pariri oħrajn lill-amministrazzjoni tal-UE jstgħu jiġu pprovduti f'konsultazzjonijiet dwar miżuri amministrattivi jew il-pubblikazzjoni ta' linji gwida tematiċi.

L-għan strateġiku tagħna

Li nipromwovu "kultura ta' protezzjoni tad-data" fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE sabiex ikunu konxji tal-obbligi tagħhom u jkunu responsabbli għall-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data

Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data

Fl-2014 irċevejna notifikati għall-ħatra ta' 9 uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (UPD) ġodda fl-istituzzjonijiet tal-UE.

Attendejna l-laqqha tal-UPD li saret fi Brussell f'Ġunju (ospitata mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea) u f'Thessaloniki (ospitata miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, CEDEFOP) f'Novembru.

Fil-laqqha ta' Ġunju, ippreżentajna aġġornament dwar ir-riforma tal-UE tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data u l-każistika rilevanti fil-qasam. Il-laqqha kienet ukoll opportunità xierqa għalina biex nippreżentaw il-linji gwida tagħna dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data li wasslu għal diskussjoni profonda dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn it-talbiet fil-prattika.

Il-laqqha taċ-CEDEFOP kienet okkażjoni biex issir riflessjoni dwar il-mandat il-ġdid tal-KEPD u r-rwol tad-UPD fix-xena internazzjonali. Ippreżentajna

wkoll id-dokument ta' pożizzjoni tagħna dwar it-trasferimenti li ġie adottat f'Lulju 2014 u l-linji gwida tagħna dwar il-kunflitti ta' interess, u t-tnejn li huma stimulaw dibattitu interessanti. Kien apprezzat ukoll l-aġġornament tagħna dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u teknoloġija b'referenza partikolari għall-esperjenza tal-KEPD fl-użu tal-cloud u l-immaniġġjar tal-ksur ta' sigurtà. Aħna ppreżentajna wkoll xi kwistjonijiet prinċipali li ġew indirizzati fix-xogħol ta' Sorveljanza u Infurzar tagħna bħall-proċedura għal konsultazzjonijiet fis-CCA (Collège des Chefs d'administration), l-involvement tad-UPD fl-immaniġġjar tal-ilmenti u l-importanza tad-diferiment tad-dokumentazzjoni tad-drittijiet skont l-Artikolu 20 tar-Regolament.

F'Ġunju 2014 organizzajna sessjoni ta' taħriġ għall-UPD spalla ma' spalla mal-laqqha tal-UPD. Barra dan, saru sessjonijiet wieħed ma' wieħed bejn il-persunal tal-KEPD u uħud mill-UPD dwar il-ħtiġijiet ta' gwida speċifiċi tagħhom. L-iżvilupp ta' żjarat ta' konsulenza kien importanti wkoll biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-UPD.

Bħala tweġiba għall-għadd li qed jiżdied ta' mistoqsijiet fuq it-telefown li nirċievu, waqqafna linja telefonika għall-għajnuna għall-UPD, li tkun operattiva f'ħinijiet stabbiliti fost il-ġimgħa u l-mistoqsijiet jiġu mwiegħba minn membru tal-persunal tal-KEPD. Il-linja telefonika għall-għajnuna tippermettilna nipprovdur gwida dwar mistoqsijiet sempliċi mill-UPD b'mod mgħaġġel u informali u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tajba u l-komunikazzjoni bejna u l-komunità tal-UPD fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE. Fl-2014, il-linja telefonika għall-għajnuna kellha medja ta' madwar 4 sejħiet kull xahar.

Verifika minn qabel

Għadd kbir (80 % fl-2014) tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar riskjużi nnotifikati lilna huma marbuta ma' proċeduri amministrattivi komuni għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, bħar-reklutaġġ tal-persunal, l-evalwazzjoni annwali tal-membri tal-persunal jew it-tweqqi ta' investigazzjonijiet amministrattivi.

Billi rċevejna għadd sinifikanti ta' notifikati fl-2013 u l-2014 u għadd saħansitra akbar ta' rakkomandazzjonijiet li jridu jiġu segwiti, żviluppajna

kriterji biex jgħinuna nkunu aktar selettivi dwar ir-rakkomandazzjonijiet li nsegwu. Din is-selettività tippermettilna nikkonċentraw l-isforzi tagħna fuq il-ġestjoni ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar riskjużi. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra tagħna jiġu segwiti mill-UPD tal-istituzzjoni jew il-korp rilevanti, f'konformità mal-prinċipju ta' responsabbiltà.

L-eżerċizzju ta' verifika minn qabel jipprovdi mod sistematiku ta' taġlim dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u jippermetti li l-KEPD jifhmu l-mudelli jew in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-ipproċessar tad-data. L-attività ta' verifika minn qabel hija matriċi ta' għarfien għalina; l-għadd kbir ta' opinjonijiet maħruġa jgħin fil-bini tal-għodod superviżorji tagħna bħal spezzjonijiet, stħarriġ, investigazzjonijiet, konformità u żjarat ta' konsultazzjoni.

Fl-2014 irċevejna 80 notifika għal verifika minn qabel u waħda ġiet irtirata sussegwentement. Kompla jsir progress fl-ikklerjar tan-notifiki *ex-post* pendenti li waslu fl-2013.

Fl-2014 ħriġna 144 opinjoni ta' verifika minn qabel (żieda ta' madwar 58 % mill-2013) u 26 Opinjoni (żieda ta' madwar 24 % meta mqabbla mal-2013) dwar "verifiki mhux minn qabel"¹. Fit-total eżaminajna 185 notifika, li uħud minnhom wasslu għal opinjonijiet konġunti. Ġew analizzati għadd ta' kwistjonijiet, li uħud minnhom ġew irrappurtati fil-verżjoni sfiha ta' dan ir-rapport.

Ilmenti

Wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 45/2001, huwa li "jisma' u jinvestiga ilmenti", kif ukoll li "iwettaq l-investigazzjonijiet jew fuq l-inizjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq il-bażi ta' ilment" (Artikolu 46).

Fl-2014, il-KEPD irċieva 110 ilmenti, żieda ta' madwar 41 % meta mqabbla mal-2013. Minn dawn, 72 ilment kienu inammissibbli, u l-biċċa l-kbira tagħhom huma relatati mal-ipproċessar fil-livell nazzjonali, kuntrarju għall-ipproċessar minn istituzzjoni jew korp tal-UE.

1 Meta tasal notifika għand il-KEPD, iżda l-operazzjoni tal-ipproċessar ma taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 27, il-KEPD jista', madankollu, joħroġ rakkomandazzjonijiet.

Id-39 ilment li jifdal kienu jeħtieġu investigazzjoni aktar fil-fond, żieda ta' madwar 30 % meta mqabbla mal-2013. Barra minn hekk, sal-31 ta' Diċembru 2014, 18-il ilment ammissibbli, li kienu ġew sottomessi fis-snin ta' qabel (tlieta fl-2011, tlieta fl-2012 u 12 fl-2013), kienu għadhom fil-fażi ta' investigazzjoni, revizzjoni jew segwitu.

Monitoraġġ tal-konformità

Il-KEPD huwa responsabbli għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Dan il-monitoraġġ jitwettaq b'bosta modi: permezz ta' stħarriġ ġenerali perjodiku ta' kull sentejn jew eżerċizzji ta' monitoraġġ aktar immirati bħal żjara jew spezzjoni.

Dan l-aħħar żviluppajna tip ġdid ta' żjara fuq il-post imsejħa **żjara ta' konsulenza** fejn żewġ membri tal-persunal tal-KEPD jiġu nnominati bħala konsulenti fuq il-post. Din it-tip ta' żjara tikkostitwixxi għodda prattika biex jiġu indirizzati problemi speċifiċi, jiżied l-għarfien, tittejjeb il-kooperazzjoni u tittejjeb ir-responsabbiltà tal-korp immirat. F'ċirkostanza partikolari, għamilna segwitu ta' żjara ta' konsulenza billi **ssekondajna** għal perjodu qasir membru tal-persunal tal-KEPD.

Bejn Jannar u Diċembru tal-2014, żorna erba' aġenziji tal-UE: il-Fond Ewropew tal-Investment, iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea, l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS u l-Istitut għall-Istudji dwar is-Sigurtà tal-UE.

Fl-2014, komplejna nagħmlu segwitu ta' spezzjonijiet ta' qabel. Barra dan, spezzjonajna l-Frontex, il-Parlament Ewropew u wettaqna spezzjoni mmirata dwar id-data dwar is-saħħa fil-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill.

Konsultazzjonijiet dwar miżuri amministrattivi

Il-KEPD joħroġ opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, billi jsegwi talba minn istituzzjoni tal-UE jew fuq inizjattiva tiegħu stess. Il-KEPD jista' jagħti opinjoni dwar deċiżjoni jew kwalunkwe att ieħor tal-amministrazzjoni ta' **applikazzjoni ġenerali** dwar l-ipproċessar tad-data personali mwettqa mill-istituzzjoni kkonċernata tal-UE (Artikolu 28(1)). Il-KEPD jista' jagħti wkoll parir dwar każijiet li jinvolvu **attivitajiet jew kwistjonijiet tal-ipproċessar speċifiċi** dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament (Artikolu 46(d)).

Il-prinċipju ta' **responsabbiltà** japplika għall-ġestjoni tal-konsultazzjonijiet. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom l-ewwel ifittxu l-parir intern tal-UPD u, għaldaqstant, jinvolvu l-UPD meta jfasslu miżuri li jaffettwaw id-dritt għall-protezzjoni tad-data. Jekk il-UPD ma jkunx f'pożizzjoni li jipprovdi soluzzjoni xierqa, il-KEPD jista' jiġi kkonsultat. Il-konsultazzjoni għandha tirrigwarda **kwistjonijiet ġodda jew kumplessi** (l-ebda preċedent fil-qasam, nuqqas ta' kompetenza jew nuqqas ta' ċarezza fid-definizzjoni ta' ċerti kunċetti tar-Regolament)

Fl-2014 irċevejna 48 konsultazzjoni dwar il-miżuri amministrattivi. Ġew analizzati għadd ta' kwistjonijiet, li uħud minnhom ġew irrappurtati fil-verżjoni sfiha ta' dan ir-rapport.

Gwida għall-protezzjoni tad-data

Fi Frar tal-2014, ippublikajna **linji gwida dwar id-Drittijiet tal-Individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-Data Personali**.

Il-kontenut tal-linji gwida huwa bbażat fuq il-pożizzjonijiet tal-KEPD fil-qasam tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data, kif żviluppatti f'serje ta' opinjonijiet tal-KEPD dwar l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data tal-UE. Il-linji gwida jiddeskrivu l-pożizzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna dwar il-prinċipji rilevanti tar-Regolament 45/2001 u jipprovdu informazzjoni dwar l-aħjar prattika attwali u kwistjonijiet pertinenti oħrajn. Pereżempju, jenfazzjaw il-kunċett wiesa' tad-data personali skont ir-Regolament, li skontu d-data personali tirreferi għal ħafna aktar minn sempliċi isem ta' individwu partikolari.

Fl-14 ta' Lulju 2014, adottajna **dokument ta' pożizzjoni dwar it-trasferimenti** mfassal biex jipprovdi gwida lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 meta d-data personali tiġi ttrasferita f'ambitu internazzjonali.

Il-gwida tagħna tiffoka prinċipalment fuq l-analiżi metodoloġika li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jridu jwettqu qabel ma jittrasferixxu informazzjoni personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

Jingħataw eżempji biex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-kontrolluri tad-data u l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (UPD) fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, kif ukoll lista ta' kontroll bil-passi li għandhom jiġu segwiti meta jiġi applikat l-Artikolu 9

tar-Regolament 45/2001. Id-dokument jipprovdi wkoll l-informazzjoni rilevanti dwar ir-rwoli superviżorji u ta' infurzar tal-KEPD fi ħdan il-kuntest tat-trasferimenti tad-data.

F'Diċembru 2014, ippublikajna **linji gwida dwar il-ġbir, l-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' data personali fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet marbuta mal-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE**. Il-linji gwida jipprovdu lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE bi gwida prattika dwar ir-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u għas-sejba ta' bilanċ bejn l-interess pubbliku għal trasparenza u d-drittijiet tal-individwu għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Dan l-eżerċizzju ta' bilanċjar jista' jsaħħaħ l-isforzi tal-istituzzjonijiet biex titrawwem il-fiduċja tal-pubbliku kif ukoll ta' dawk li jaħdmu għalih

Bħala parti mill-proċess sabiex l-istituzzjonijiet tal-UE jsiru aktar responsabbli, nixtiequ nipprovdu **taħriġ u gwida** għall-UPD, il-KPD u l-kontrolluri sabiex b'hekk ikunu jistgħu jifhmu aħjar il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u l-obbligi possibbli tagħhom.

Fit-28 ta' Jannar 2014, il-jum tal-protezzjoni tad-data tal-UE, ipparteċipajna f'laqgħa tal-KPD fil-Kummissjoni Ewropea, u għamilna diskors dwar ir-Regolament (KE) 45/2001 fid-dawl tar-riforma attwali tal-qafas ġenerali tal-protezzjoni tad-data. Din kienet okkażjoni biex nirriflettu mal-KPD dwar l-ispeċifitàjiet tar-Regolament bħala strument għas-servizz pubbliku tal-UE u titjib possibbli li għandu jintlaqa' tajjeb fir-reviżjoni tal-istrument.

Fit-13 ta' Ġunju 2014 organizzajna taħriġ ġenerali għall-UPD mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE b'iffukar fuq kif għandha timtela formola ta' notifika.

Ipprovdejna wkoll sessjonijiet ta' taħriġ speċifiku għall-persunal ta' uħud mill-aġenziji (FRONTEX) jew l-UPD tagħhom (ECDC, EUISS, EIF) fuq bażi ta' talba u sessjoni lill-apprendisti tal-Kunsill, tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

F'Ġunju u Diċembru 2014 għamilna preżentazzjonijiet f'korsijiet ta' taħriġ organizzati mill-Istitut Ewropew għall-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA) f'Maastricht, li għalihom attendew l-UPD, il-KPD u l-kontrolluri. Tkellimna dwar l-ispeċifitàjiet tar-Regolament (KE) 45/2001, ir-rwol tal-KEPD fil-kuntest tax-xogħol tagħna ta' Sorveljanza u Infurzar u ppreżentajna żewġ studji dwar każijiet speċifiċi, wieħed dwar it-trasferimenti internazzjonali ta' data personali, u l-ieħor dwar id-dritt ta' aċċess fil-kuntest ta' lment.

POLITIKA U KONSULTAZZJONI

Il-KEPD jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data f'firxa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-rwol konsultattiv huwa marbut ma' proposti għal leġislazzjoni ġdida kif ukoll inizjattivi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-data personali fl-UE. Ġeneralment, dan jieħu l-forma ta' opinjoni formali, iżda l-KEPD jista' wkoll jipprovdi gwida fl-għamla ta' kummenti jew studji politiċi.

L-għan strateġiku tagħna

Li niżguraw li l-leġislatur tal-UE (il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill) ikun konxju tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u jintegra l-protezzjoni tad-data fil-leġislazzjoni l-ġdida.

2014 Prijoritajiet

Fir-rigward ta' inizjattivi speċifiċi, l-"inventarju" tagħna tal-2014 antiċipa ħames oqsma ewlenin ta' importanza strateġika għall-protezzjoni tad-data. Ix-xogħol tagħna taħt dawn l-intestaturi huwa miġbur fil-qosor hawn taħt (b'aktar dettall fir-rapport sħiħ).

- Lejn qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-data
- Nergħu nibnu fiduċja fi flussi tad-data globali wara PRISM
- Inizjattivi biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u l-Aġenda Diġitali
- Żvilupp ulterjuri fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja
- Riforma tas-settur finanzjarju.

Lejn qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-data: Nistgħu naraw tmiem?

Ir-riforma tal-qafas tal-protezzjoni tad-data kkostitwixxiet waħda mill-ikbar sfidi, u waħda mill-aktar kumplessi, għal-leġislaturi tal-UE f'dawn l-aħħar snin. Jeżisti interess kbir fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali fl-evoluzzjoni taż-żewġ abbozzi ta' proposta - għal Regolament Ġenerali

dwar il-Protezzjoni tad-Data u Direttiva dwar id-data personali pproċessata għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali. Il-KEPD kompli jaħdem mill-qrib mal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni waqt in-negozjati kritiċi li saru fl-2014.

Nergħu nibnu fiduċja fi flussi tad-data globali wara PRISM

Is-sorveljanza tal-massa ta' ċittadini tal-UE mill-aġenziji tal-intelligence u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi li ġiet żvelata fl-2013 ikkostitwixxiet b'mod ċar ksur tad-drittijiet individwali għall-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali. Il-KEPD indirizza seduta pubblika tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili tal-Parlament Ewropew f'Ottubru 2013 fejn enfasizza tħassib serju u l-ħtieġa li l-UE tasserixxi kontroll tal-privatezza tagħna. Aħna żviluppajna dan il-messaġġ fl-opinjoni tagħna tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Nibnu mill-Ġdid il-Fiduċja fil-Flussi ta' Data bejn l-UE u l-Istati Uniti". Esprimejna appoġġ għal att dwar il-privatezza fl-Istati Uniti, u tlabna għal promozzjoni ta' standards internazzjonali tal-privatezza flimkien mal-adozzjoni ta' malajr ta' riformi tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-UE.

Inizjattivi biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u l-Aġenda Diġitali

Il-KEPD involva ruħu b'mod kostruttiv f'firxa wiesha ta' żviluppi ta' politika differenti li bħall-kompetittività u l-protezzjoni tal-konsumatur, il-governanza tal-internet, il-funzjonament tas-suq intern, is-suq diġitali uniku, u d-dwana u l-agrikoltura. Issorveljajna mill-qrib ukoll l-iżviluppi dwar il-ftehim Port Sigur, u n-negozjati tal-Kummissjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġodda (pereżempju t-TTIP u t-TISA) fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Żvilupp ulterjuri fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja

Fl-2014, minbarra li kkunsidrat għadd ta' inizjattivi speċifiċi, bħall-futur tal-Europol, il-Eurojust

u l-ħolqien ta' uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, il-kontrolli tal-armi tan-nar u l-iffriżar tal-assi, l-UE vvalutat il-progress tagħha lejn il-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Bqajna attivi biex niffurmaw aġenda wiesa'.

Riforma tas-settur finanzjarju.

Il-KEPD ilu jiżviluppa l-kompetenza tiegħu dwar kif għandhom jiġu applikati standards tal-protezzjoni

tad-data fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-regolamentazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Ħriġna l-ewwel sett tagħna ta' linji gwida għas-settur, u pprovdejna parir dwar miżuri speċifiċi proposti fl-oqsma tad-drittijiet tal-partijiet interessati, tar-reżiljenza tas-sistema bankarja u tat-trasparenza fit-tranżazzjonijiet finanzjarji tat-titoli.

KOOPERAZZJONI

Il-KEPD jikkoopera ma' awtoritajiet oħrajn għall-protezzjoni tad-data sabiex jipromwovi protezzjoni tad-data konsistenti madwar l-Ewropa. Dan ir-rwol kooperattiv jestendi wkoll għal kooperazzjoni ma' korpi ta' sorveljanza stabbiliti taħt dak li kien it-"tiolet pilastru" tal-UE u fil-kuntest ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira.

L-għan strateġiku tagħna

Li ntejbu l-kooperazzjoni tajba mal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-Data, b'mod partikolari mal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, biex niżguraw konsistenza akbar tal-protezzjoni tad-data fl-UE.

Fl-2014 komplejna nikkontribwixxu b'mod attiv fl-attivitajiet tal-**Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29** sabiex niżguraw aktar konsistenza tal-protezzjoni tad-data fl-UE.

Bħala membru, il-KEPD jikkontribwixxi fl-attivitajiet tal-grupp ta' ħidma billi jieħu sehem mix-xogħol komparabbli għal dak meħud mid-DPAs. Madankollu, din il-parteciġazzjoni hija bbażata fuq approċċ u ffukar selettivi fejn il-kontribut tagħna jipprovdi valur miżjud, b'mod partikolari fil-ksib ta' perspettiva tal-UE, bħal fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar interess leġittimu, jew l-opinjoni dwar data miftuħa. Konna involuti mill-qrib ukoll fl-opinjoni dwar apparati tad-dattiloskopija u drones u dwar l-internet tal-oġġetti.

Il-kooperazzjoni diretta mal-awtoritajiet nazzjonali hija qasam li l-importanza tiegħu qed jiżdied fil-kuntest tal-iżvilupp ta' databases internazzjonali fuq skala kbira bħall-EURODAC, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (SID), li jeħtieġu approċċ kkoordinat għas-sorveljanza. Dan huwa xogħol ta' kooperazzjoni li jikkomplimenta x-xogħol ta' sorveljanza tagħna f'dan il-qasam, iżda huwa separat minnu (ara l-kapitolu 2). Fl-2014, bħal fl-2013, ipprovdjuna s-segretarjat għall-Grupp għall-Koordinazzjoni tas-Sorveljanza tal-SIS II il-ġdid u komplejna nippresiedu l-gruppi għall-koordinazzjoni tas-sorveljanza għall-EURODAC, il-VIS u s-SID. Ir-rwol tagħna kien jinkludi:

- ippjanar xieraq għall-allokazzjoni f'waqtha ta' riżorsi finanzjarji u umani;

- il-koordinazzjoni tal-laqqgħat tal-gruppi;
- l-abbozzar u ċ-ċirkolazzjoni tad-dokumenti rilevanti;
- kollegament mal-membri tal-gruppi bejn laqqgħa u oħra għat-tnejn ta' negozju.

Fil-5 ta' Ġunju 2014, il-KEPD attenda l-**Konferenza Ewropea tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data** fi Strasburgu, organizzata b'mod konġunt mill-Kunsill tal-Ewropa u l-"Commission Nationale de l'Informatique et des Libertés" (CNIL) Franċiża.

Il-konferenza tal-2014 iffukat fuq modi kif l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data jikkooperaw aħjar meta jħabbtu wiċċhom mal-globalizzazzjoni. Ġiet adottata riżoluzzjoni li stiednet lill-Kunsill tal-Ewropa, fid-deliberazzjoni li għaddejja tiegħu dwar il-modernizzazzjoni tal-Konvenzjoni 108 għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, biex isaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet individwali, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif ta' awtoritajiet superviżorji indipendenti li jkunu kapaċi jinfurzaw u jikkooperaw ma' xulxin b'mod effettiv.

Il-**Konferenza Internazzjonali** tal-2014 ġiet organizzata mill-Uffiċċju tal-Protezzjoni tad-Data ta' Mauritius mit-12 ta' Ottubru sas-16 ta' Ottubru.

L-aġenda kienet tinkludi bosta temi, fosthom il-privatezza u l-protezzjoni tad-data fid-dinja li qed tiżviluppa; Punt Uniku ta' Servizz: Ċentralizzazzjoni versus Prossimità; Sorveljanza versus is-Sorveljanza tad-Data; il-Privatezza fl-Era Diġitali - ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU; is-Saħħa Elettronika u l-Protezzjoni tad-Data; l-Etika, id-Drittijiet Fundamentali u l-Big Data; u n-Newtralità Netta u l-Protezzjoni tad-Data. Il-Kontrollur intervjena f'workshop dwar ir-responsabbiltà u panel dwar il-"privatezza mingħajr limiti territorjali", u d-Direttur tkellem f'panel dwar in-newtralità netta.

Riżultat importanti ta' din il-konferenza kien l-adozzjoni, fis-sessjoni magħluqa għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data (13-14 ta' Ottubru), tal-**Arranġament u r-Riżoluzzjoni dwar il-kooperazzjoni fl-infurzar internazzjonali**. Dan il-proġett ilu jiġi diskuss għal bosta snin u aħna konna involuti ħafna fis-sostenn tan-negozjati. L-iżvilupp mgħaġġel tat-teknoloġiji bħal cloud computing, big data

u l-internet tal-oġġetti (IOT) enfażizza l-ħtieġa għal qafas biex jippermetti li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jikkooperaw b'mod transkonfinali.

Il-kontrollur għamel ukoll preżentazzjoni qasira fis-sessjoni magħluqa dwar l- [inizjattiva IPEN](#), li pprovokat interess kbir.

Aħna komplejna nattendu wkoll laqgħat ewlenin jew nipprovdu input dwar dokumenti rilevanti diskussi fil-Kunsill tal-Ewropa (Komitati Konsultattivi tal-Konvenzjoni 108 u l-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità), l-OECD, l-APEC, il-GPEN,

l-assoċjazzjoni ta' lingwa Franċiża tal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data (AFAPDP), in-netwerk Ibero-Amerikan tal-protezzjoni tad-data, il-grupp ta' ħidma internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Data fit-Telekomunikazzjonijiet (il-Grupp ta' Berlin) u l-konferenza internazzjonali tal-protezzjoni tad-data u l-kummissarji tal-privatezza.

Aħna nipprovaw ukoll li nimmonitorjaw, nipprovdu parir u kummenti meta jkun meħtieġ u possibbli, dwar l-iżviluppi tal-protezzjoni tad-data fil-pajjiżi mhux tal-UE u l-politiki ta' privatezza fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħal UNHCR.

KAŻIJET TAL-QORTI

Id-dritt tal-KEPD li jintervjeni f'azzjonijiet quddiem il-qorti ġie rikonoxxut mill-QtĠ-UE fil-każijiet tal-PNR (il-Każijiet C-317/04 u C-318/04, l-ordnijiet tas-17 ta' Marzu 2005). Il-qorti bbażat id-dritt li wieħed jintervjeni fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 41(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li skontu l-Kontrollur huwa "responsabbli biex jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u lis-suġġetti tad-data dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-ipproċessar ta' data personali". Il-kompitu konsultattiv ma jkoprix biss l-ipproċessar tad-data personali minn dawn l-istituzzjonijiet jew l-organi. Il-qorti interpretat is-setgħat ikkonferiti fuq il-KEPD mill-Artikolu 47 tar-Regolament fid-dawl tal-finijiet tal-Artikolu 41.

Fl-2014, il-KEPD intervjena f'bosta każijiet quddiem il-qorti.

- T-115/13 Dennekamp v Parlament (trasparenza/aċċess għad-dokumenti)

- T-343/13 CN v il-Parlament (pubblikazzjoni ta' data personali sensitiva fuq websajt)
- C-615/13 P ClientEarth/PAN Europe (interpretazzjoni tal-kunċett ta' data personali fit-trasparenza/aċċess tad-dokumenti, kuntest u konformità mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, kif ukoll id-differenza bejn id-dritt fundamentali għall-privatezza u d-dritt fundamentali għal protezzjoni tad-data personali)

Skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, l-azzjonijiet kontra l-KEPD jistgħu jitressqu quddiem il-QtĠ-UE (Artikolu 32). Pereżempju, id-deċiżjonijiet tal-KEPD f'każijiet ta' lmenti (ara l-kapitolu 2) jistgħu jiġu appellati quddiem il-QtĠ-UE. Sa issa, tliet ilmentaturi ressqu każijiet quddiem il-qorti. It-tlieta li huma ma kellhomx suċċess.

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI/ TRASPARENZA

Bħala istituzzjoni tal-UE u skont ir-Regoli ta' Proċedura, il-KEPD huwa wkoll suġġett għar-Regolament dwar l-Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti tal-2001 L-għadd ta' talbiet ta' aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mill-KEPD żdied b'mod progressiv tul is-snin. L-għadd irdoppja fl-2013 minn 12-il talba għal 24 talba. Fl-2014, ittrattajna 18-il talba, 4 minnhom kienu applikazzjonijiet konfirmatorji għat-tweġibiet tal-bidu tagħna.

L-għadd li qed jiżdied ta' każijiet li nittrattaw f'dan il-qasam juri l-ħtieġa għal aktar linji gwida dettaljati dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tar-Regolament dwar l-Aċċess Pubbliku. Atwalment qed naħdmu fuq il-konsolidazzjoni tal-metodoloġija dwar kif nittrattaw it-tweġibiet, skont il-prattika l-aktar reċenti. Fl-2015 se nipprovdu parir Prattiku lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE dwar kif għandna nibbilanċjaw it-trasparenza u l-ħtieġa għal protezzjoni tad-data personali fid-dawl tas-sentenza dwar il-Bavarian Lager tal-Qorti tal-Ġustizzja.

TEKNOLOĠIJA TAS-SORVELJANZA

FI-2014, komplejna nivvalutaw ir-riskji għall-privatezza tat-teknoloġiji l-ġodda bil-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni kif xieraq. Ipprovdjuna wkoll gwida dwar aspetti tekniċi ta' konformità tal-protezzjoni tad-data lill-kontrolluri f'għadd ta' modi. Wara hemm sommarju ta' ftit minn dan ix-xogħol iżda aktar informazzjoni tista' tinstab fil-verżjoni sħiħa ta' dan ir-rapport kif ukoll fil- [bullettin](#) tal-KEPD.

Dejjem aktar apparati (pereżempju, li jistgħu jintlibsu jew fil-karozzi) huma mgħammra b'interfaċċji li jippermettu t-trażmissjoni tad-data li jiġbru.

Jeżisti tħassib li s-sigurtà tista' ma tkunx qed tlaħħaq maż-żieda fil-ġbir u t-trażmissjoni tad-data personali. L-għadd ta' lakuni serji fis-sigurtà skoperti f'sistemi mifruxa żdied ukoll: fl-2014, instab li wħud mill-apparati mobbli l-aktar popolari kienu vulnerabbli għal interċettazzjoni ta' komunikazzjoni apparentement kriptata. Ġie żvelat ukoll li biċċa kodiċi li tinstab f'bosta sistemi Linux kellhom lakuna li tippermetti li min jattakka jevita l-protezzjonijiet tas-sigurtà. Ġiet skoperta wkoll vulnerabbiltà fis-sistemi operattivi tal-ismartphones fejn iċ-ċippa responsabbli għall-komunikazzjoni fuq in-netwerk tista' tevita r-restrizzjonijiet kollha li jipproteġu l-parti "intelliġenti" tat-telefown, u b'hekk tikseb aċċess għall-informazzjoni kollha maħżuna fuq l-ismartphone.

FI-2014, għadd ta' lakuni fis-sigurtà f'sistemi użati b'mod wiesa' kisbu interess mifrux. Uħud mill-vulnerabbiltajiet ingħataw ismijiet bħal Heartbleed, Gotofail u Poodle. Il-bug ta' Heartbleed² ġie skopert f'OpenSSL, għodda popolari tal-kriptaġġ għall-komunikazzjonijiet tal-internet. Heartbleed jagħmilha possibbli li tinqara u jsir aċċess għad-data li għandha tiġi protetta.

Bosta servizzi popolari tal-internet deħru li kienu vulnerabbli u li kienu qed jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirranġaw malajr il-bug fis-sistemi tagħhom. Anke l-istituzzjonijiet Ewropej kisbu s-servizzi tagħhom. L-utenti tas-servizzi affettwati ngħataw il-parir li jibdlu l-passwords tagħhom u ġew mibdula ċ-ċertifikati użati għall-kriptaġġ tat-traffiku tal-internet bejn il-websajts affettwati. Madankollu, minkejja dawn il-miżuri kollha, huwa possibbli li

hemm servers li għadhom ma ġewx aġġornati u li, għaldaqstant, għadhom jużaw is-software affettwati.

Il-Laboratorju ta' Politika tal-IT tal-KEPD ġie stabbilit fl-2014 b'apparat u għodod li jistgħu jintużaw biex jiġu vvalutati l-karatteristiċi ta' privatezza ta' ċerti prodotti jew sistemi użati fil-qasam tax-xogħol ta' kontroll tagħna.

Il-laboratorju tal-IT issa huwa operattiv u se jiġi kkumplimentat b'kitt mobbli tal-IT, sabiex isiru dimostrazzjonijiet fuq il-post, jitwettqu esperimenti u/jew testijiet tekniċi fuq il-post fil-kuntest ta' spezzjonijiet u verifiki.

FI-2014, nedejna n-Netwerk tal-Inġinerija tal-Privatezza tal-Internet (IPEN) f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, l-iżviluppaturi u r-riċerkaturi mill-industrija, l-ambjent akkademiku u s-soċjetà ċivili. L-inizjattiva għandha l-għan li tiżviluppa prattiki ta' inġinerija li jinkorporaw tħassib dwar il-privatezza u jħeġġu lill-inġiniera jibnu mekkaniżmi ta' privatezza fi standards, servizzi u apps tal-internet.

L-ewwel [workshop](#) tal-IPEN li sar fis-26 ta' Settembru 2014 f'Berlin tfassal bil-għan li jkun approċċ prattiku biex jiġu identifikati lakuni fil-privatezza fit-teknoloġija eżistenti u jiġu żviluppati soluzzjonijiet utli.

Wara s-suċċess tal-ewwel workshop, l-inizjattiva tal-IPEN issa hija ffukata fuq l-iżvilupp u l-indirizzar tal-proġetti identifikati. L-IPEN se jkompli jesplora modi biex jiġu żviluppati teknoloġiji li jiffaċilitaw il-privatezza u jiżguraw li l-privatezza ssir kunsiderazzjoni essenzjali għall-iżviluppaturi kollha tal-IT.

F'Novembru 2014, f'konformità mal-għoti ta' pariri lill-leġiżlatur tal-UE, tajna deskrizzjoni fil-qosor tal-qafas applikabbli tal-UE għall-protezzjoni tad-data, kif ukoll elementi rilevanti tar-riforma tal-grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Governanza u l-Privatezza li fih saru diskussjonijiet dwar l-użu ta' sistemi ta' trasport intelliġenti kooperattivi (C-ITS). L-aspetti tal-privatezza huma ta' importanza kbira għall-użu tas-C-ITS minħabba l-fatt li d-data tista' tintuża għall-profilar jew it-traċċar. Aħna se nkomplu nsegwu din l-inizjattiva fl-2015.

2 CVE-2014-0160.

Biex inkomplu nibnu fuq il-kapaċità tagħna li nipprovdu parir lill-kontrolluri dwar miżuri tekniċi għall-implimentazzjoni effettiva tal-protezzjoni tad-data fis-sistemi tal-IT, qed niżviluppaw linji gwida għal oqsma speċifiċi tal-IT. Il-linji gwida se jkunu disponibbli fil-kors tal-2015.

FI-2012, ġibdulna l-attenzjoni dwar l-imblukkar sistematiku min-naħa ta' uħud mill-websajts tal-UE tal-aċċess kollu minn [Tor network](#). Waqt li t-tħassib dwar is-sigurtà tan-netwerk intuża bħala ġustifikazzjoni għal din il-miżura restrittiva, aħna rrimarkajna li l-qafas regolatorju tal-UE jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-komunikazzjonijiet anonimi, u li l-ħtieġa u l-proporzjonalità jkollhom jiġu vvalutati tajjeb. Wara dawn l-iskambji l-politika rilevanti tas-sigurtà ġiet riveduta u Tor m'għadux jiġi imblukkat b'mod sistematiku, għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej u mhux Ewropej li jridu jew jeħtieġu jipproteġu l-privatezza tal-ibbrawżjar tal-websajt.

It-teknoloġija u l-kompetenza dwar il-politika tal-IT tagħna għandhom rwol importanti fil-kompitu tal-KEPD ta' kooperazzjoni ma' Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data oħrajn. FI-2014 ipparteċipajna f'bosta laqgħat ta' gruppi ta' ħidma, ta' task force jew ta' sottogruppi. Żorna wkoll l-eu-LISA f'Talinn, l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-protezzjoni tad-data u nibdew diskussjonijiet dwar l-IT u l-ġestjoni tas-sigurtà tal-IT tas-sistemi. Dan sar b'mod indipendenti mill-ispezzjoni li bdejna tas-sit ta' Strasburgu ta' eu-LISA lejn l-aħħar tal-2014 sabiex nivverifikaw is-sigurtà u l-ġestjoni operattiva tas-sistema.

Fost affarijiet oħrajn, tajna kontribut ukoll għall-isforzi tal-Kummissjoni fil-politika tal-miters u l-grilji intelliġenti u fl-iżvilupp tagħha ta' approċċ għall-użu tal-cloud computing fl-amministrazzjoni pubblika.

GĦANIJET EWLENIN GĦALL-2015

Dawn li ġejjin huma l-għanijiet li ntgħażlu għall-2015 fi fhdan l-Istrateġija ġenerali għall-2015-2019. Ir-riżultati se jiġu rrapportati fl-2016.

Sorveljanza u infurzar

Fl-2015 se nkomplu nippromwovru r-responsabbiltà tal-korpi tal-UE meta jipproċessaw id-data personali.

- **Librerija ta' esperjenza**

Waqt li nużaw l-għaxar snin ta' esperjenza tagħna fl-applikazzjoni tar-Regolament 45/2001, se niżviluppaw repożitorju intern tal-każistika tagħna biex niżguraw li l-kompetenza prezzjuża tagħna tiġi kkatalogata.

- **Regolament 45/2001**

Waqt li nużaw din l-esperjenza soda, se naħdmu mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u l-Kummissjoni biex niżguraw li r-regoli eżistenti stabbiliti fir-Regolament 45/2001 isiru konformi mar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali.

- **Taħriġ u interazzjoni**

Se nkomplu nħarrġu u niggwidaw il-korpi tal-UE dwar kif nistgħu nirrispettaw bl-aħjar mod ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data fil-prattika, billi niffukaw l-isforzi tagħna fuq dawk it-tipi ta' pproċessar li jippreżentaw riskji għoljin għall-individwi. Se nżommu l-interazzjoni mill-qrib tagħna mal-korpi tal-UE, u noffrullhom kompetenza u pariri rilevanti, li min-naħa l-oħra se jgħinuna nsaħħu l-għarfien Prattiku tagħna dwar ir-realtà tagħhom.

- **UPD**

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data, se nkomplu nappoġġjaw lill-istituzzjonijiet tal-UE biex imorru lil hinn minn approċċ ibbażat purament fuq il-konformità għal wieheċ li huwa bbażat ukoll fuq ir-responsabbiltà. B'mod partikolari, se naħdmu magħhom biex niżviluppaw valutazzjonijiet tal-impatt tal-privatezza tad-data u notifikati dwar il-ksur tad-drittijiet tad-data.

- **Sorveljanza Kkoordinata**

Se nkomplu nissorveljaw sistemi tal-IT fuq skala kbira f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data;

- **Spezzjonijiet**

Se ntejjbu l-metodoloġija tagħna għall-ispezzjonijiet u ż-żjarat, b'mod partikolari metodu aktar sempliċi għall-ispezzjoni tas-sistemi tal-IT.

Politika u konsultazzjoni

Bħala parti mit-tweġiq tal-Istrateġija tal-KEPD għall-2015-2019 ġew identifikati ħames oqsma ewlenin għall-politika u x-xogħol ta' konsultazzjoni tagħna fl-2015:

- **Big data u s-suq uniku diġitali**

Se nippreżentaw viżjoni għal kif l-UE għandha tiżgura li l-individwi jkunu jistgħu jeżerċitaw il-kontroll tal-utenti, igawdu mill-benefiċċji tal-big data u jiżguraw li l-organizzazzjonijiet u n-negozji jkunu trasparenti u responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali li għaliha huma responsabbli. Se nelaboraw dibattitu vivaċi stimulat mill-Opinjoni Preliminari tagħna dwar il-liġi tal-kompetizzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza u l-ekonomija diġitali b'parteċipazzjoni f'avvenimenti u diskussjonijiet mar-regolaturi.

- **Finalizzazzjoni tar-riforma tal-qafas tal-protezzjoni tad-data**

Qabel is-sajf tal-2015 se nippreżentaw rapport ta' politika għall-istituzzjonijiet biex nipprovdu informazzjoni u ngħinu fis-sejba ta' soluzzjonijiet Prattiki u flessibbli waqt it-trilogu li jmiss dwar ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data fil-kooperazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi. Se niffukaw ukoll, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda. B'mod partikolari, se ngħinu nippreparaw tranżizzjoni mingħajr xkiel għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data l-ġdid, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni futura tal-koleġiżlaturi dwar l-organizzazzjoni tas-segretarjat tal-Bord. Se nimpennaw ruġna fid-diskussjonijiet tal-istadju bikri dwar l-iżvilupp

ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni jew speċifika għas-settur, bħal kwalunkwe proposta għar-riforma tad-Direttiva 2002/58/KE.

- **Ftehimiet internazzjonali**

Se naħdmu b'mod proattiv mal-istituzzjonijiet tal-UE biex niżguraw li l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data jiġu kkunsidrati b'mod tajjeb u konsistenti fin-negozjar ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-kummerċ kif ukoll l-infurzar tal-liġi, bħat-TTIP, it-TISA u Port Sigur u t-tiġdid awtomatiku skedat tal-ftehim TFTP mal-Istati Uniti. Se noffru wkoll il-kompetenza u l-għajnuna tagħna meta jkun xieraq fil-monitoraġġ tal-ftehimiet eżistenti, bħall-ftehimiet bilaterali dwar il-PNR.

- **L-għoti ta' għodda lil dawk li jfasslu l-politika fis-settur tal-affarijiet interni**

F'kollegament ma' esperti mill-Kummissjoni, l-għan tagħna huwa li nippreparaw linji gwida dwar l-integrazzjoni ta' regoli u prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data fi proposti u politiki dwar is-sigurtà interna, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni. Jeħtieġ li l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà l-għodda tinkludi aktar konverġenza bejn liġijiet differenti tal-protezzjoni tad-data f'dan il-qasam u konsistenza fis-sorveljanza ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Dwar miżuri speċifiċi, bħad-Direttiva tal-UE dwar il-PNR u l-pakkett "Fruntieri Intelliġenti" fejn id-diskussjonijiet għadhom għaddejnin, offrejna li naħdmu mal-istituzzjonijiet biex insibu modi biex nimminimizzaw l-indhfil fid-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data tal-għadd kbir ta' individwi li potenzjalment jiġu affettwati. Il-parir tagħna se jkun ibbażat fuq każistika reċenti b'mod speċjali s-sentenza tal-QtĠ-UE dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data fil-każ ta' Digital Rights Ireland. Se nippreparaw ukoll dokument ta' sfond li jiżviluppa l-kunċetti ta' ħtieġa u proporzjonalità, b'mod speċjali fid-dawl tal-każistika reċenti, u kif għandhom jiġu applikati għal proposti li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data.

- **Ftehim dwar metodi ta' ħidma mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE**

kif imħabbar fid-Dokument ta' Politika tagħna, se nfittxu modi effiċjenti ta' ħidma mal-istituzzjonijiet, meta jkun xieraq permezz ta' memoranda ta' fehim, fit-twettiq tar-rwol tagħna ta' politika u konsultazzjoni. Se nfittxu reazzjonijiet dwar il-valur tal-parir tagħna. Dan se jkompli jibni fuq kooperazzjoni mill-qrib

reċenti mal-presidenza Taljana dwar abbozz ta' direttiva dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji bejn l-awtoritajiet fiskali. Se nkomplu noħolqu kollegament mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar kwistjonijiet ta' interess komuni.

Kooperazzjoni

L-ambizzjoni tagħna hija li l-UE titkellem b'vuċi waħda dwar kwistjonijiet ta' privatezza u protezzjoni tad-data. Għaldaqstant il-mutur ċentrali tal-istrateġija tagħna se jkun ikkostitwit minn kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data.

- **Sorveljanza kkoordinata**

Se nkomplu nipprijoritizzaw impenn u appoġġ effiċjenti u leali fil-kontroll ikkoordinat tas-SID, EURODAC, IMI, SIS II u VIS. L-għan tagħna huwa li nimxu lejn mudell ta' governanza aktar ikkonsolidat u effettiv għal sistemi taħt il-forma ta' "tiolet pilastru".

- **Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29**

Se ninvolv ruħna mill-qrib mal-Grupp ta' Ħidma mhux biss biex niżguraw tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn l-EDPB iżda wkoll fl-iżvilupp u l-kontribut lejn opinjonijiet ta' politika fis-sottogrupp kif ukoll fil-laqqhat plenarji, bħala relatur meta jkun xieraq, u fil-kontroll operattiv ta' aġenziji tal-UE u sistemi tal-IT.

- **Pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali**

Se nippromwovu alleanza globali mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza biex nidentifikaw tweġibiet tekniċi u regolatorji għal sfidi ewlenin għall-protezzjoni tad-data bħal big data, l-internet tal-oġġetti u l-kontroll tal-massa. Se nkunu involuti bis-siġħ ukoll f'diskussjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza f'fora internazzjonali inkluż il-Kunsill tal-Ewropa u l-OECD.

Politika tal-IT

- **Il-protezzjoni tad-data ssir diġitali**

Waħda mill-azzjonijiet ewlenin tagħna biex nilħqu dan l-għan se tkun li ntejbu l-alleanza tagħna mal-partijiet interessati, b'mod partikolari l-komunità teknika, sabiex

noħolu aktar kooperazzjoni interdixiplinari dwar il-protezzjoni tad-data b'disinn u b'inadempjenza.

- **Netwerk tal-Inġiniera tal-Privatezza tal-Internet**

Se nkomplu niffukaw fuq il-protezzjoni tad-data u l-privatezza minn perspettiva ta' inġinerija. Billi l-IPEN jinkludi esperti fit-teknoloġija mid-DPAs, l-industrija, l-ambjent akkademiku u s-soċjeta' ċivili, li jiddistingwuh minn netwerks oħrajn, l-isforzi ta' IPEN huma indirizzati lejn kwistjonijiet ta' rilevanza Prattika. Fl-2015 in-netwerk se jespandi u jkompli jaħdem fuq linji ta' azzjoni stabbiliti fl-2014.

- **Il-monitoraġġ tat-teknoloġija**

L-attivitajiet tagħna ta' sorveljanza tat-teknoloġija se jsiru aktar viżibbli u aċċessibbli għal partijiet interessati oħrajn biex ikollhom informazzjoni dwar ix-xogħol tagħhom. Minbarra li ninfurmaw l-attivitajiet tagħna stess, il-kooperazzjoni mal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Data u ma' gruppi esperti orjentati lejn it-teknoloġija fil-livell tal-UE, se nagħmlu r-rapporti tagħna aċċessibbli għal-pubbliku.

- **Gwida dwar it-teknoloġija u l-protezzjoni tad-data**

Sabiex tiġi promossa kultura tal-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet tal-UE sorveljati mill-KEPD, il-preparazzjoni ta' linji gwida għal oqsma tekniċi speċifiċi, bħal apparati mobbli, servizzi ta' websajts u cloud computing, se tiġi konkluża fl-2015 u kkumplementata bi gwida dwar oqsma speċifiċi bħal ġestjoni tar-riskji.

- **Sigurtà tal-IT**

L-importanza tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-IT żdiedet matul is-snin. Se nkomplu niżviluppaw il-kompetenza tagħna fis-sigurtà tal-IT u l-applikazzjoni sistematika tagħha bħala awtorità ta' kontroll fl-attivitajiet ta' spezzjoni u awditjar tagħna u bħala msieħba fil-kooperazzjoni tagħna mal-komunità tas-sigurtà tal-IT, b'iffukar partikolari fuq l-istituzzjonijiet tal-UE.

Oqsma oħrajn

Informazzjoni u komunikazzjoni

L-2015 hija sena ta' bidla fil-KEPD. B'mandat u strateġija ġodda, teżisti atmosfera ta' antiċipazzjoni u potenzjal ta' dak li jista' jintlaħaq fil-ħames snin li

ġejjin. Bħala riflessjoni ta' dan, se jitwettqu bosta proġetti kbar ta' informazzjoni u komunikazzjoni. Fosthom hemm:

- **Identità viżiva ġdida**

Proġett sinifikanti għall-2015 se jkun ir-reviżjoni tal-identità viżiva tagħna li se timplika logo ġdid u ċart grafika. Effett ta' din il-bidla fl-identità viżiva tagħna huwa li l-materjali ta' komunikazzjoni kollha tal-KEPD se jeħtieġu wkoll aġġornament (bħal oġġetti promozzjonali, publikazzjonijiet, websajts u inizjattivi oħrajn bħal dawn). Għaldaqstant, dan se jkun proġett fuq perjodu twil billi se nkomplu nużaw il-materjali li għandna u naġġornawhom meta jspiċċaw jew meta ma jkunx għadu vijabbli li nkomplu nagħmlu dan.

- **L-aġġornament tal-websajt tal-KEPD**

Se nagħmlu wkoll xi aġġornamenti tekniċi sinifikanti fil-websajt tagħna u se nużaw l-opportunità biex naġġornaw id-dehra u l-kontenut tagħha.

- **Lingwa ċara**

Komplejna nagħmlu passi kbar lejn il-mira ta' lingwa ċara f'dawn l-aħħar snin. L-għan ġenerali tagħna huwa li nikkoreġu l-immaġni eċċessivament legali u teknika tal-protezzjoni tad-data. Dan għadu jikkostitwixxi prijorità u għaldaqstant fl-2015 se nkomplu nagħmlu użu minn lingwa diretta sabiex nagħmlu l-kwistjonijiet tekniċi aktar aċċessibbli, b'eżempji li l-pubbliku ġenerali jista' jidentifika ruħu magħhom.

Ġestjoni tar-riżorsi u l-professionalizzazzjoni tal-funzjoni tar-Riżorsi Umani

Il-mandat u l-istrateġija l-ġodda tal-KEPD se jimplikaw tibdil li se jkollu impatt fuq ix-xogħol tar-Riżorsi Umani tagħna u se jkomplu jżidu l-pressjoni fuq baġit li qed jonqos wara bosta snin ta' politika ta' awsterità.

- Fost dan it-tibdil, l-adozzjoni probabbli ta' Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data ġdid, li jieħu post id-Direttiva 95/46/KE, jista' jkollha impatt dirett fuq l-istruttura organizzattiva tal-KEPD, b'mod partikolari jekk, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni, il-KEPD jiġi fdat bil-provvista tas-Segretarjat tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data l-ġdid (EDPB). Konsegwentement, il-baġit għall-2015 diġà jinkludi Titolu III ġdid imsejjaħ l-EDPB u se tiġi

stabbilita Task Force tal-EDPB fit-tieni nofs tas-sena.

- Fl-2015 se niżviluppaw żewġ dokumenti li jħarsu lejn modi kif jistgħu jiżdiedu r-responsabbiltà u d-dimensjoni etika tal-istituzzjoni tagħna: kodiċi ġdid ta' kondotta għall-grupp ta' Kontrolluri u politika ta' żvelar ta' informazzjoni


protetta, minbarra r-rakkomandazzjonijiet mill-Ombudsman Ewropew.

Fl-għan tagħna li mmexxu billi nagħtu eżempju, se nikkooperaw mill-qrib ħafna mal-UPD tal-KEPD dwar valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza u r-reviżjoni ta' notifikazzjoni ta' protezzjoni tad-data minbarra d-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti dwar il-Persunal il-ġodda.

www.edps.europa.eu



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet ISBN 978-92-9242-077-2



KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA